**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 ta' Marzu, 2016**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur John Spiteri)**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Annise Bejaoui**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Annise Bejaoui detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 387889M

1. Akkuzat talli b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta):
   - Fil-lejl ta' bejn it-12 ta' Lulju, 2015 u t-13 ta' Lulju, 2015, minn gewwa hanut mghammar bl-isem ta' 'Shoemarket', li jinsab fi Triq il-Wied, Birkirkara u f' dawn il-Gzejjer u kkommetta serq aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-ammont ta' l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Mark Micallef jew persuna/i ohra
   - U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi minn gewwa l-hanut mghammar bl-isem ta' 'Martina's' li jinsab fi Triq il-Wied, Birkirkara u f' dawn il-Gzejjer ikkommetta serq aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) u dan ghad-detriment ta' John Charles Lucas jew persuna/i ohra
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ta' Mark Micallef, John Charles Lucas u/jew persuni ohra, liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin euro (250).
3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna hsara ghad-detriment ta' BOV plc.
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna hsara ghad-detriment ta' John Charles Lucas u/jew persuni ohra.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li josserva xi kundizzjoni mposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr C Stafrace Zammit nhar il-21 ta' Mejju, 2015 u li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija.
6. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li josserva xi kundizzjoni mposta fid-digriet mahrug mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona nhar is-16 ta' Lulju, 2014 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija.
7. U aktar talli b' hekk irrenda ruhu recidiv wara sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u dan bi ksur ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Annise Bejaoui kif ukoll tordna li s-somma hawn fuq indikata bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Lulju, 2015 (esebit a fol. 25 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat illi waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu, 2016 il-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u t-tminn (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Marzu, 2016 ghall-ewwel (1), it-tieni (2) u s-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt illi l-imputat ikkopera fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 289 u 325 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tas-seba' (7) imputazzjoni

migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija. Stante li it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u t-tminn (8) imputazzjoni gew irtirati mill-Prosekuzzjoni l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

**MAGISTRAT**